bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Pio Pisani)
vs
David Tabone, iben
Michael, imwieled
Pieta' fit-13 ta' lulju, 1984

Illum, 15 ta' ottubru, 2001

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat -
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-Mosta, fit-12 ta' ottubru, 2001 għal ħabta tas-1.15 p.m. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC887 Stefan Mercieca, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
2. talli fl-istess data, post, ħin u ċirkostanżi hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC887 Stefan Mercieca persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li jkun għamel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzz-
joni ta' dak is-servizz;
3. talli fl-istess data, post, ħin u ċirkostanżi kkaġuna offiża fuq il-persuna ta' PC887 Stefan Mercieca liema offiża titqies li hi ħafifa kif ġie ċertifikat mit-Tabib Gunther Abela;
4. talli fl-istess data, post, ħin u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, cioe' PC887 Stefan Mercieca;
5. talli fl-istess data, post, ħin u ċirkostanżi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;
6. talli fl-istess data, post, ħin u ċirkostanżi waqt li kien passiġġier fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBB 069 naqas li jilbes is-'seatbelt';
7. talli fl-istess data, post, ħin u ċirkostanżi hedded lill-PC887 Stefan Mercieca bil-kliem: "insbek barra".
Il-Qorti ġiet mitluba, jekk jidhrilha xieraq, biex tipproċedi għas-sigurta' tal-persuni ta' PC917 J. Camilleri u PC887 Stefan Mercieca, jew sabiex jinzamm l-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat torbot lil David Tabone b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-15 ta' ottubru, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' ottibru, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96, 221(1), 249(2), 338(dd)(ee) u 339(e) tal-Kodiċi Kriminali u A. L. 129 ta' l-1995 u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħamsin liri maltin (Lm50).